MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 338/2002/1

**Marben Costa**

**vs**

**1. Ruth Costa**

**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**

**3. Dr. Victor Scerri u l-PL Louisa Tufigno li b'digriet tal-11 ta' April 2002 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Leandro Costa.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi qabel il-partijiet kontendenti huma sseparati u dan permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni bonarju datat 30 ta’ Awwissu 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono LL.D;

Illi qabel ma’ qablu fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni msemmi, il-konjugi Costa kienu illhom *de facto* separati ghal numru ta’ snin;

Illi per konsegwenza ta’ relazzjoni extra-konjugali l-konvenuta kellha tarbija u cioe’ l-minuri Leandro hawn fuq imsemmi, li twieledt fit-30 ta’ Settembru 2001 kif jirrizulta minn l-anness certifikat tat-twelid markat Dok “A”;

Illi l-imsemmija tarbija giet registrata b’kunjom l-attur, meta huwa ma huwiex il-missier naturali tat-tarbija, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attur jixtieq jichad li jaghraf l-imsemmija tarbija li effettivament, m’huwiex ibnu;

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jew min minnhom, jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-imsemmija tarbija m’hijiex wild naturali tal-attur;

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija ‘msemmija li jgib in-numru 3424 (u 4043 bhala numru li jmiss ta’ iskrizzjoni) mill-kolonna li tirraprezenta isem u konjum il-missier, il-kliem Marben Costa (Mario-Benedict), il-professjoni jew senghat tal-attur, l-eta’, post tat-twelid u residenza tal-attur kif ukoll isem u kunjom il-missier tal-attur u jekk huwiex haj jew mejjet u tawtorizza u tordna kull modifika ohra *‘n vista* tal-ewwel talba, jekk jinhtieg, f’kull att iehor relattiv u ssusegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u tad-dokumenti esebiti a fol 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta' Marben Costa datat 25 ta' Marzu 2002 fejn hu talab lil din Onorabbli Qorti sabiex tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-kovenut, minuri Leandro Costa fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat id-digriet datat 11 ta' April 2002, fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Victor Scerri LL.D u lill-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bhala kuraturi ghall-finijiet tal-ligi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tad-9 ta' Awwissu 2002 a fol 25 tal-process fejn gie eccepiet:-

1. Illi dwar il-mertu tal-azzjoni ta' denegata paternita' f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghandu jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16**;

3. Illi l-attur ghandu jaghti d-dettalji taz-zwieg tieghu mal-konvenuta martu, liema dettalji jinsabu nieqsa fl-ewwel premessa tac-citazzjoni u fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tieghu;

4. Illi wkoll bla pregudizzju l-bidla li qed tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u li jekk kemm il-darba tintlaqa' zgur li ser tinfluwixxi fuq il-hajja futura tal-istess minuri, ghalhekk jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti u ammissibbli skond il-ligi;

5. Illi *in vista* tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghall-korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 26.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fejn eccepew:

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol 29 tal-process.

Rat il-pubblikazzjoni rikjesta fil-gazzetta tal-gvern datata 16 ta' April 2002.

Rat in-nota tal-konvenuta Ruth Costa datata 20 ta' Settembru 2002 fejn ammettiet t-talbiet attrici.

Rat il-verbal tas-16 ta' Ottubru 2002 fejn inghata digriet ghall-prezentat tal-affidavits tal-partijiet b'terminu ta' 40 jum kull wiehed u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghas-18 ta' Frar 2003.

Rat il-verbal tat-18 ta' Frar 2003, fejn l-attur esebixxa zewgt affidavits li gew konsenjati lill-kontro-parti u l-kawza giet differita ghall-ahhar darba kif indikat fid-digriet ta' din il-Qorti datat 16 ta' Ottubru 2002 u ghall-finali trattazzjoni ghall-1 ta' April 2003.

Rat in-nota tal-attur datata 18 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebixxa l-affdavit tieghu u dak ta' Karl H. Muscat.

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha talab lil din l-Onorabbli Qorti biex tirrizerva l-kontro-ezami ta' l-affidavits ta' Marben Costa u Karl H. Muscat fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dottor Victor Scerri datat 12 ta’ Marzu 2003 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddiferixxi s-smiegh tal-kawza bl-ismijiet hawn fuq imsemmija ghal data ohra iktar tard.

Rat id-digriet datat 14 ta’ Marzu 2003 fejn il-Qorti tirriserva li tipprovdi seduta *stante*.

Rat in-nota tal-attur datata 24 ta’ Marzu 2003 li permezz taghha esebixxa kopja tal-affidavit ta’ Ruth Costa.
Rat il-verbal datat 1 ta’ April 2003 fejn Dr. Graziella Bezzina tat ruhha notifikata ghall-konvenuta u tat ruhha notifikata bl-affidavits attrici u dak datat 14 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2004.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI</u>

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur** jghid:

*“Illi jiena mizzewweg lill-konvenuta Ruth Costa. Miz-zwieg ta’ bejnietna ahna kellna zewgt itfal subien jisimhom Terrance li llum ghandu tnax-il sena u Gianluca li ghandu ghaxar snin;*

*Illi jiena u marti konna ghamilna zmien ta’ xi sentejn ma’ nghixux flimkien u sussegwentement ilhaqna ftehim permezz ta’ separazzjoni bonarju liema separazzjoni saret fit-30 ta’ Awwissu 2001;*

*Illi b’kollox jiena ili ma’ nghix flimkien ma’ marti ghal dawn l-ahhar tliet snin u nofs. Jiena tul dawn it-tliet snin u nofs*

*qatt ma kelli x'naqsam seswalment ma' marti u qatt ma' kont intimu maghha;*

*Illi rrid nghid li marti tirresjedi ma' ragel iehor certu Karl Muscat. Marti u dan sehibha ilhom jafu lil xulxin ghal tul il-perjodu li jiena u Ruth ghamilna separati;*

*Illi jiena sirt naf li fit-30 ta' Settembru 2001 marti kellha tarbija ohra li semmietha Leandro u dana minn wara r-relazzjoni li hija qaltli li kellha ma' Muscat. Illi huwa minnu li marti weldet lil Leandro xahar wara s-separazzjoni, pero' mir-registru pubbliku u l-avukati taghna qalulna li peress li ma' ghaddhiex bizzejjed zmien minn meta sseparajna, it-tarbija li kellha l-konvenuta kellha bilfors tigi registrata fuqi bhala l-missier meta fil-fatt jiena ma' ghandi x'naqsam xejn ma' dan il-wild u ma' inix il-missier naturali;*

*Illi ghaldaqstant, jiena nixtieq li dina l-kwistjoni tigi regolirazzata darba ghal dejjem u t-tarbija titnehha minn fuq ismi".*

Illi gie prezentat ukoll l-affidavit ta' **Karl Muscat**, permezz ta' nota datata 18 ta' Frar 2003 fejn qal li huwa ilu separat minn martu ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin u fl-ahhar erba' (4) snin huwa kellu relazzjoni mal-konvenuta; gja kellu tifel iehor u fit-30 ta' Settembru 2001 huma kellhom lil Leandro li gie registrat fuq l-attur biss ghaliex is-separazzjoni konsenswali bejn l-attur u l-konvenuta kienet saret biss fit-30 ta' Awissu 2001; l-istess minuri huwa frott ir-relazzjoni taghhom u huwa ibnu.

Fil-affidavit taghha datat 7 ta' Novembru 2002 l-**konvenuta** tghid li:-

*"Illi jiena nghid li mizzewga lil Marben Costa u miz-zwieg tieghi ma' Costa kelli zewgt itfal jisimhom Terrance u Gianluca. Irrid nghid li jiena ghandi zewgt itfal ohra Nathaniel ta' tlitt snin u Leandro li ghandu sena u li dwaru hija dina l-kawza;*

*Illi jiena kont separata de facto minn ma' zewgi ghal cirka xi tlitt snin u mbaghad f'Awwissu tas-sena 2001 ghamilna*

*s-separazzjoni bonarja minn ma' xulxin. Iz-zewgt itfal zghar tieghi huma lkoll ulied Karl H. Muscat, bhal ma' nghid li huwa Leandro wkoll;*

*Illi jiena nghid li Leandro huwa iben Karl H. Muscat peress li ghal dawn l-ahhar erba' snin kif semmejt jiena ma' kelli ebda kuntatt ma' zewgi Marben Costa u l-okkazzjonijiet li jiena kont narah fihom kienu biss biex huwa jara t-tfal u mbaghad igib it-tfal lura. Jiena tul dawn l-ahhar erba' snin nghid b'certezza li qatt ma kont intima ma' zewgi Marben Costa;*

*Illi mhux l-istess nista' nghid dwar Karl H. Muscat li jiena dan l-ahhar kif ghidt kelli relazzjoni mieghu u anke' nikkoabitaw flimkien taht saqaf wiehed. Illi nghid li hrigt tqila b'Leandro Costa wara li kelli relazzjoni ma' Muscat u anke kelli x'naqsam mieghu fil-perjodu li warah jiena hrigt tqila;*

*Illi ghalhekk nghid li ibni Leandro ghandu bhala missier naturali lill-imsemmi Karl H. Muscat".*

## <u>II) PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi din il-kawza saret sabiex it-tarbija Leandro li giet registrata b'kunjom l-attur tigi dikjarata li mhix iben l-istess attur *stante* li huwa ma huwiex missierha u fil-fatt qed jitlob li l-istess tarbija tigi dikjarata li ma hijiex il-wild naturali tal-attur bil-konsegwenti tibdil rikjest fic-certifikat tat-twelid tal-istess tarbija Nru 3424/2001.

*Illi l-**artikolu 70 tal-Kap 16** jghid li:*

*"(1) Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg :*

*(a) jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita`.*

(2) *Id-dikjarazzjoni biss ta' l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ma tkunx bizzejjed biex teskludi l-paternità tar-ragel.*

(3) *Il-Qorti tista' f'kawza ghac-cahda ta' l-gharfien tat-tarbija, tistieden lill-partijiet kollha jew xi wahda minnhom, kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tieghu tkun fid-dubju, sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz. Il-Qorti jkollha l-jedd li tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet. Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tieghu jkun hemm kwistjoni jkun minuri, il-Qorti stess ghandha tistabbilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet."*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija dik ta' denegata paternita` u hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Sub-artikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae*

*demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma fuq kollox ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibbilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilita' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJ M) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibbilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibbilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-i*status* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-Artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A. RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**Artikoli 81** mal-**Artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-kundizzjoni kontenuta fl-**Artikolu 77** dwar l-impossibbilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**Artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat abbazi tal-**artikolu 77** anke' jekk tigi ppruvata l-impossibbilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie

wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol. XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dan l-istat fattwali japplikaw in-normi stabbiliti fis-sentenza ta' dina l-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet "**Walter Ahar nomine vs Pio Micallef et**." deciza fil-21 ta' Frar 1996 peress li ma jezistix l-istat ta' paternita' li huwa fattwalment konformi mal-istess certifikat tat-twelid. Illi dwar il-prova necessarja u l-principji applikabbli u a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet "**Anthony Sant vs John Cutajar et**" (P.A. (RCP) 10 ta' Novembru 1999).

Illi japplikaw ukoll pero' n-normi stabbiliti minn din il-Qorti fl-interpretazzjoni li qieghda taghti lill-kuncetti ta' *"boghod"* u *"impossibbilita' fizika"* msemmija fl-**artikolu 77 tal-Kapitolu 16**, fis-sens illi dawn in-normi ghandhom jigu nterpretati fis-sens illi jistghu jaffettwaw il-koncepiment tat-tarbija - ara **"Ronald Bray vs Charmaine Bray"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 1997 u **"Spiteri vs Cilia"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 1998.

Illi sentenzi ohra tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili li jirrispekkjaw dawna l-principji huma **"Antonella Bartolo vs Paul Fava"** deciza fit-30 ta' Jannar 1998, **"Miriam Salerno noe vs Joseph Salerno et"** deciza fil-15 ta' Settembru 1998, u **"George Grech vs Nazzareno Grech et"** deciza fit-30 ta' April 1999.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); **"Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u diversi ohrajn.

Illi in effetti din il-kawza ta' *denegata paternita'* saret abbazi tal-**artikolu 73 tal-Kap 16** u fit-terminu hemm preskritt, u *di piu`* a bazi tal-interpretazzjoni fuq moghtija ghall-artikoli ohra tal-istess Kap, din l-istess interpretazjoni ghandha tinghata ghall-**artikolu 70 (1) (a) u (d) tal-istess Kap 16.**

Illi tenut kont tal-fatt li din l-azzjoni saret mir-ragel tal-omm abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** jidher li dawn il-principji jinsabu kkonfermati mid-dispozizzjonijiet **1 (a) (b) (c) (d) tal-istess artikolu** u anke mid-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 73 tal-Kap 16** li jimponi terminu meta l-istess ragel, u ghalhekk l-attur f'din il-kawza jista' jaghmel din l-azzjoni.

Illi fil-fatt l-**artikolu 73 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*Fil-kazijiet illi r-ragel jista' jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:*

(a) *fi zmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f'dak iz-zmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi zmien sitt xhur minn dakinhar li jigi lura f'Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;*

(c) *fi zmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-**artikolu 70** maghdud mal-**Artikolu 73** jindika bic-car li tali azzjoni hija proponibbli

meta l-minuri in kwistjoni li dwaru tkun qed issir it-talba ma jkunx ottjena dak il-pussess tal-istat ta' iben legittimu, kif deskritt u stabbilit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-gurisprudenza fuq riferita` mehuda fl-ambitu u suggetta ghal dak li hemm indikat partikolarment fl-**artikolu 70 tal-Kap 16** japplika wkoll ghall-kaz *de quo.*

## III) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-terminu ndikat fl-**artikolu 70 (1) (a) u (b) tal-Kap 16** l-attur kien separat *de facto* minn martu u wkoll l-istess konvenuta kellha relazzjoni intima ma' Karl H. Muscat, li minnha gja kellha tarbija ohra w imbaghad twieled ukoll il-minuri mertu tal-kawza odjerna. Hemm ukoll l-ammissjoni tal-omm u tal-istess Karl. H. Muscat li fl-affidavit tieghu jirrikonoxxi li huwa l-missier tal-istess minuri.

Illi hemm il-prova wkoll li l-istess minuri qatt ma kellu l-istat ta' iben legittimu ta' l-attur, minkejja dak li hemm fic-certifikat tat-twelid, u wkoll saret il-prova ta' l-impossibbilita' fizika fit-termini ndikati mill-ligi skond id-dispozizzjoni tal-ligi citata, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha *stante* li l-istess minuri ma huwiex il-wild naturali tal-attur izda huwa iben Karl H. Muscat, iben Guido Muscat u Doris nee' Spiteri, imwieled Pieta' u residenti Rabat (Malta) bin-numru tal-Karta ta' Identita' 374568 (M).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuta Ruth Costa *proprio* u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor id-Direttur Registru Pubbliku in kwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talbiet attrici, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-imsemmja tarbija m'hijiex wild naturali tal-attur izda wild ta' Karl H. Muscat, iben Guido Muscat u Doris nee' Spiteri, imwieled Pieta' u residenti Rabat (Malta) bin-numru tal-Karta ta' Identita' 374568 (M).

(2) Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija 'msemmija li jgib in-numru 3424 (u 4043 bhala numru li jmiss ta' iskrizzjoni) mill-kolonna li tirrapresenta isem u konjum il-missier, il-kliem Marben Costa (Mario-Benedict), il-professjoni jew senghat tal-attur, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-attur kif ukoll isem u kunjom il-missier tal-attur u jekk huwiex haj jew mejjet u tawtorizza u tordna kull modifika ohra '*n vista* tal-ewwel talba, jekk jinhtieg, f'kull att iehor relattiv u ssusegwenti, b'dan li l-istess attur Marben Costa ma jibqax jigi ndikat bhala missier l-istess wild fuq ic-certifikat imsemmi u minflok l-istess minuri jigi indikat bhala li huwa l-wild naturali ta' Karl H. Muscat, iben Guido Muscat u Doris nee' Spiteri, imwieled Pieta' u residenti Rabat (Malta) bin-numru tal-Karta ta' Identita' 374568 (M) u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji sabiex jidher u johrog mill-istess certifikat li Karl H. Muscat huwa l-missier naturali tal-istess minuri, bid-dettalji kollha tieghu relattivi, u dan jinkludu wkoll li l-kliem *"of the said"* mill-kolonna tal-partikolaritajiet tal-omm tigi wkoll kancellata, u dan *stante* li l-istess Karl H. Muscat huwa l-missier naturali tal-istess wild, kif huwa stess irrikonoxxa f'dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta Ruth Costa *proprio, stante* ma jidhirx mill-provi li l-konvenuti l-ohra b'xi mod ikkontribwew ghan-necessita' ta' din l-azzjoni.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------